MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2015

Numru. 620/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Marco Stajonevic**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Marco Stajonevic ta’ tletin (30) sena, iben Dragan Stanojevic u Dragana neè Alexic, imwieled is-Serbia fl-24 ta’ Frar 1985 u residenti f’indirizz mhux magharuf fl-akwati ta’ Bugibba, talli fit-2 ta’ Awwissu 2015 ghall-habta ta’ 05:30hrs, minn gewwa l-istabilliment Havana, li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta’ handbag, illi l-kontenut tieghu għandu valur ta’ elf sebgha mija u tmienja u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,738.83), liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232,94) izda ma’ jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin ghad-detriment ta’ Daisy Schembri Scicluna u Jade Caddoo;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz u b’mod partikolari d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. “A” sa’ Dok. “E”;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;
**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fit-2 ta' Awwissu 2015 ghall-habta ta' 05:30hrs, minn gewwa l-istabilliment Havana, li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag, illi l-kontenut tieghu għandu valur ta' elf sebgha mija u tmienja u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,738.83), liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232,94) izda ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin ghad-detriment ta' Daisy Schembri Scicluna u Jade Caddoo.

L-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuza hekk dedotta kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih qed jigi akkuzat l-imputat u li gie minnu ammess, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li ghandu fedina penali netta.

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a) u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' tmintax-il (18) xahah prigunerija ghal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------